MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Numru 927/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**
**V**

**ETIENNE MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ETIENNE MICALLEF** bin Anthony u Pauline nee Bezzina, imwieled B'Kara nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 1975 u joqghod 1, Triq Ghar il-Gobon, B'Kara, detentur ta' karta tal-identita numru 123575M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fl-ewwel ta' Settembru 2004, ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer, gewwa B'Kara, voluntarjament hassar jew

gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ZAM 001 ghad-dannu ta’ Paul Zammit, liema hsara ma teccedix l-hames mitt lira maltin imma izjed minn hamsin lira maltin;

2. talli voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat;

3. talli ingurja u hedded b’mod li johrog mill-limiti tal-provokazzjoi lil Carmelo Borg ;

4. talli ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Carmelo Borg detentur tal-karta tal-identita numru 495665M skond kif iccertifika Doctor Joseph Saliba MD fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Il-Qorti giet miltuba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ Carmelo Borg bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta w ghoxrin ta’ Ottubru 2004 esibit bhala dokument CSH 2 a fol 8 tal-atti, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni w d-dokumenti kollha esibiti fl-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hdax ta’ Settembru 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat li l-imputat hallas l-ispejjes d-danni minnu kagjonati fl-ammont ta' mija u hamsin lira maltin kif jirrizulta mill-atti u dan lil parti offiza pendenti dawn il-proceduri u li ghalhekk, illum il-gurnata, l-parti leza m'ghandhiex aktar pretenzjonijiet ulterjuri kontra l-imputat.

Rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 6 tal-atti processwali bhala document CSH 1 minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu biss reat wiehed registrat fuqha li jirrisali ghas-sena 1993 meta nstab hati ta' serq u ricettazzjoni f'ammont *de minimis* u kien inghata *unconditional discharge*.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 221(1), 325(b), 338(dd), 339(e) u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat ETIENNE MICALLEF hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'dan il-perjodu ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tobbliga lil imputat taht penali ta' mitt lira fin-nuqqas li ma jhedditx, ma jimmolestax jew jingurja lil Carmelo Borg ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------